MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2003

Numru 786/2002

**Il-Pulizija**
(Spettur Jesmond Borg/ Spettur Yvette Farrugia)
**vs**
**Aloysius sive' Wigi Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Aloysius sive' Wigi Azzopardi ta' 32 sena iben Simon u Josephine mitwielda Portelli, mwieled Rabat (Malta) fis-27 t'Ottubru 1969 u joqghod 'Farmhouse', Triq id-Dar tal-Providenza, Siggiewi u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 443069 (M)

Talli:
Talli bejn l-01 ta' Frar 2002 u l-04 ta' Frar 2002 seraq gaffa tat-tip 'Bobcat' li l-valur taggha huwa ta' madwar Lm 4000 minn go Qormi Road Luqa billi ghamel uzu ta' cavetta falza, ghad-dannu ta' Raymond Camilleri liema

serq hu aggravat bil-valur, bil-hin bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

U aktar talli bejn ix-xhur ta' Frar 2002 u April 2002, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fuq l-istess gaffa ghad-dannu ta; Raymond Camilleri liema hsara teccedi l-hames mitt lira Maltin.

U aktar talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe' gaffa tat-tip Bobcat li tiswa madwar LM 4000 mehudha jew akkwistat b'rejat, jew xjentement b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghha jew immexxija.

Rat li fis-seduta tall-llum l-akkuzat ammetta it-tieni u t-tielet akkuza.

Rat li l-prosekuzzjoni permezz ta' l-Ufficcjal Prosekutur issottomettiet li l-akkuzat kien laqa' ghandu hwejjeg misruqa minn ghand terzi li kienu ser jitressqu quddiem il-Qorti.

Fissret lill-akkuzat x'jigifieri ammissjoni u taghtu zmien jahseb.

Rat li hu tenna li hu hati kif fuq imsemmi.

Issibu hati.

Rat l-artikoli 325(a), 334(a), 335 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-artikolu 401 (3) tal-l-istess Kapitolu.

Rat wkoll l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante l-kondotta ta' l-akkuzat kif wkoll li minghajr pregudizzju ta' xejn u lejn hadd qed jintrabat li jhallas is-somma ta' mitejn lira Maltija lil-persuna li hi proprjetarja tal-gaffa tat-tip 'Bobcat' fi zmien xahar m'illum, ser tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk filwaqt li qed tilliberrah that il-provvedimenti ta' l-arttikolu 22 tal-Kap 446 b'dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) m'illum. Il-Qorti qed tfisser lill-hati l-import ta' din is-sentenza kif mitluba mill-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------